MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 608/2004

**Rikors numru 608/04**

**Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 2217/04**

**Villa Arrigo Limited**

**Vs**

**Ramon Pollacco (ID nru 505574(M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, wara li ppremettew illi l-attur (presumibilment is-socjeta intimata) hareg mandat ta' qbid numru 2217/04 fejn il-marixxal nizzel diversi oggetti li kienu fir-residenza ta' Marcella Maria Pollacco;

Illi dawn l-affarijiet huma propjeta esklussiva ta’ Marcella Maria Pollacco u mhumiex propjeta ta’ Ramon Pollacco;

Illi dak iz-zmien Ramon Pollacco kien jghix ma ommu imma ghal diversi snin Ramon Pollacco ma ghadux jghix id-dar ta’ ommu u ghalhekk l-affarijiet li gew maqbuda mhumiex propjeta ta’ Ramon Pollacco;

Talbu bir-rispett illi dawn l-affarijiet li gew maqbuda bil-mandat jigu rilaxxati u jinhareg kontro-mandat abbazi tal-artikolu 836(b) jew (d) tal-Kap 12.

Rat id-digriet taghha preliminari (fol 2 tal-atti).

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata (fol 10 u 11) tal-istess atti u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi hija giet notifikata bir-rikors, prezentat minn Ramon Pollacco u minn Marcella Maria Pollacco fil-11 ta’ Novembru 2004, il-bierah 6 ta’ Dicembru 2004;

Illi l-esponenti jirrileva ili l-kwistjoni illi Ramon Pollacco ma jirrisjedix fl-indirizz Flat 7, Block H, Binja Santa Venera, Santa Venera, qed titqajjem biss f’dan l-istadju avvanzat ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza;

Illi jigi rilevat illi Ramon Pollacco dejjem gie notifikat b’success fl-indirizz Flat 7, Block H, Binja Santa Venera, Santa Venera, minghajr oggezzjoni da parti tieghu u/jew tal-familjari tieghu;

Illi dan jirrizulta minn riferti pozittivi fir-rigward tan-notifika ta’ ittra ufficjali u ta’ l-avviz tal-kawza numru 12/03JAB (il-‘kawza), kollha prezentati kontra Ramon Pollacco u accettati fl-indirizz Flat 7, Block H, Binja Santa Venera, Santa Venera, kopja informali tar-riferti relattivi annessi man-nota tal-eccezzjonijiet bhala dokument “VA 1” u “VA 2”.

Illi anke meta gew protestati l-kambjali relattivi ghall-kawza, in-Nutar qatt ma giet infurmata illi Ramon Pollacco ma kienx jirrisjedi fl-indirizz Flat 7, Block H, Binja Santa

Venera, Santa Venera, kif jirrizulta mill-protest anness man-nota tal-eccezzjonijiet bhala Dok “VA 3”;

Illi ghaldaqstant huwa biss f’dan l-istadju illi ir-rikorrenti qed iqajmu dubji fuq il-kwistjoni tar-residenza ta’ Ramon Pollacco;

Illi fi kwalunkwe kaz Ramon Pollacco jrid igib prova ta’ l-allegata residenza alternattiva tieghu u cioe ta’ fejn qieghed jirrisjedi prezentament;

Illi fi kwalunkwe kaz trid tingieb ukoll prova illi l-oggetti maqbuda ma jappartjenux lil Ramon Pollacco;

Illi artikolu 836 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) illi abbazi tieghu hija msejsa t-talba tar-rikorrenti, tapplika biss ghall-atti kawtelatorji u mhux ghal dawk ezekuttivi, bhalma huwa l-mandat in kwistjoni;

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokumenti esebiti mal-istess risposta (fol 12 sa fol 14 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mit-talba in esami, ir-rikorrenti intavolaw dan ir-rikors u bbasaw it-talba in esami fuq l-artikolu 836(b) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jirreferi ghat-talba li trid issir f’kaz li persuna tkun trid li jinhareg kontro-mandat, sew ghal kollox jew ‘in parte’, f’kaz li jkun inhareg mandat <u>kawtelatorju</u>.

Illi dan il-kaz trattasi effettivament ta’ mandat mahrug mill-Qorti <u>in esekuzzjoni ta’ sentenza</u> moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta’ Frar 2003 kif risultanti mill-atti

tal-istess mandat hawn anness fuq ordni ta' din il-Qorti, moghtija kameralment.

Illi l-istess artikolu citat bl-ebda mod ma jsemmi illi r-ragunijiet hemm indikati u specifikati jistghu jkunu applikabbli ghal hrug ta' kontro-mandat f'kaz ta' mandat esekuttiv.

Illi ghandu jinghad 'obiter' illi fil-kaz in desamina kien jkun opportun, illi, minflok l-artikolu citat, ir-rikors in esami kien jkun bazat fuq l-artikolu 283A tal-istess Kapitolu 12 citat waqt li ssir referenza, ukoll, ghall-artikolu 260 tal-istess Kapitolu.

Illi, ghalhekk it-talba in esami ma tistax tigi decisa, finalment, fil-meritu taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors in esami.

In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, kull parti ghandha thallas l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------